MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 38/2000/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Victor Lia, Joseph Lia, Carmen Lia bhala uzufruttwarja tas-sehem tar-ragel taghha, Vincent Lia u Kathleen Lia Rose Pace More u Carmelo Lia (u b'digriet tal-Bord tat-13 t'Ottubru 2000 jizdiedu s-segwenti: Nutar Joanne Lia u ohtha Lorraine Hili mart Alexander Hili bhala eredi tal-mejjet Carmelo Lia kif ukoll l-armla tal-imsemmi Carmelo Lia ossia Carmela Lia bhala uzuzfruttwarja tal-imsemmi mejjet Carmelo Lia).**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrent Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 15 ta' Gunju, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala

franka u libera tal-bicca art f'Haz-Zabbar tal-kejl ta' madwar 109 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Victor Lia, u min-Nofsinhar ma' sqaq huwa ta' elfejn, disa' mija u tletlin lira Maltija (Lm2,930.00) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tal-10 ta' Dicembru 1997 li estratt tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi fl-ittra ufficcjali tad-9 ta' Lulju 1999 l-intimati kienu ikkontestaw l-offerta tar-rikorrenti u ddikjaraw li l-pretensjoni taghhom ghall-espropriazzjoni ta' din l-art hija fil-valur ta' Lm15,000. fil-mori tal-kawza l-intimati ressqu xhieda teknika konsistenti f'deposizzjoni ta'perit arkitett li kkonferma din l-istess stima;

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-perit arkitett Frederick H Valentino u l-perit arkitett David Pace li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom u li qed tkun annessa bhala formanti parti minn din is-sentenza. Fil-parti

konklussiva ta' din ir-relazzjoni l-membri teknici jissottomettu illi:

L-esponenti ikkonsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabbrikabli u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' sbatax-il elf erba mija u erbghin lira maltin (Lm17,440) ekwivalenti ghal Euro 40,624.27. L-esponenti jigbdu l-attenzjoni tal-Bord illi dan il-valur huwa oghla mil-valur mitlub mill-intimati bhala kumpens izda jidrilhom illi huwa il-valur gust u reali tal-art in kwistjoni.

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur izda fl-istess waqt, ai termini tal-*proviso* tal-artikolu 25(1) tal-Kap 88, il-Bord ma jistax jaghti kumpens ghola mill-pretensjoni ta' wahda mill-partijiet. Dan l-artikolu kien dikjarat li jmur kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et tas-27 ta' Novembru 2008 (rikors 4/2007) u Rikors 5/2007** fl-istess ismijiet liema sentenzi jinsabu *sub judice* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk dan il-Bord qed jiddetermina din il-kawza skond il-ligi kif vigenti b'dan illi la darba l-valur ta' kumpens konkluz mill-periti membri jeccedi l-valur mitlub mill-intimati, ser jinghata l-valur mitlub mill-istess intimati;

Ghalhekk il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art dikjarata fabrikabbli f'Haz-Zabbar tal-kejl ta' madwar 109 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Victor Lia, u min-Nofsinhar ma' sqaq bil-kumpens ta' erba u tletin elf disa mija u erbghin euro u sittin centezmu oltre l-imghax legali spettanti lill-

intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 ta' Lulju 2009 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------